**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulziija**
**Spettur Joseph Agius**
**V**

**FRANCIS DELMAR**

**Illum, 13 ta' Gunju, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **FRANCIS DELMAR** ta' tnejn w erbghin sena bin Nazzareno u Paola nee Bugeja, imwieled Haz Zebbug nhar t-tnax ta' Settembru, 1957 u joqghod 'Dovitof Court', Flat 1, Triq il-Mulett, Qawra, detentur tal-karta tal-identita numru 810657M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'Awissu, 1999 f'Malta, ghen jew assista persuna tinzel l-art f'Malta kontra d-dispozizzjonijiet tal-Att tal-Immigrazzjoni jew heba jew meta kien jaf, ta kenn lil xi persuna li kien jaf jew li kellu raguni bizzejjed li jahseb li qeghda f'Malta kontra d-dispozizzjonijiet tal-Att tal-Immigrazzjoni.

Talli minghajr awtorita legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokumenti mehtiega ghal finijiet ta' dan l-Att tal-Immigrazzjoni li jkun falsifikat jew kiser xi dispozizzjoni ta' dan l-Att li dwaru mhux stabbilit reat taht xi artikolu iehor ta' dan l-Att tal-Immigrazzjoni li jkun ffalsifika.

Talli ffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra li qeghdin sabiex jissggillaw, jittimbraw jew jimmarkaw fl-isem tal-Gvern jew tal-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta' proprjeta pubblika, jew li jkunu qeghdin taht l-kustodja pubblika, jew xjentement ghen jew assista lil awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom d-delitt ikun gie ppreparat jew kkunsmat jew xewwex lil haddiehor inkella sahhah il-volunta tieghu sabiex jaghmel d-delitt jew wieghed li wara l-fatt jassistih, jieqaf mieghu jew jikkompensah.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli tal-Avukat Generali datati hamsa w ghoxrin ta' Settembru, 2000 fejn l-istess Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza b'mod sommarju wara li haseb li setghet tinsab htija skond l-artikolu 42(d)(e) u 17(b), 20, u 172 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(a)(f) u (g) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tad-dsatax ta' Ottubru, 2000 a fol 76 tal-process fejn l-istess imputat ddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi fl-erbgha w ghoxrin ta' Mejju, 2000 deher **l-Ispettur Joseph Agius** u spjiega kif fit-tmintax ta' Mejju, 2000 wasal Malta certu Egizzjan bl-isem ta' Bahaal Gergius Awad Gergius bl-ajru mill-Kajr. Huwa deherlu li din il-persuna ma kienetx persuna ta' bouna fede u ghalhekk din il-persuna giet mizmuma l-Ghassa. Huwa flimkien mas-Surgent tieghu ezaminaw l-passaporti ta' dan l-Egizzjan u dehrilhom li kellu timbri llegali fuqhom fis-sens li huwa kellu timbru ndikat li wasal Malta pero t-timbri tat-tluq taghhom ma rrizultawx li kienu hemmhekk.

Dan Bahaal Gergius Awad Gergius irrilaxxja stqarrija waqt li baqa l-ajruport u hareg biss fuq permess tal-Ufficjal Principali tal-

Immigrazzjoni sabiex jixhed f'dawn il-proceduri kif jirrizulta mid-dokument esibit a fol 20 tal-process.

**Xehdet WPC 184 Marcelle Micallef** nhar d-disgha w ghoxrin ta' Mejju, 2000 fejn qalet li t-timbri li kien hemm fuq il-passaporti tal-imputat ma kienux foloz izda genwini, ghaliex saru bit-timbru taghha numru 46. Hija pero kkonfermat li ma kienetx hi li ghamlithom, ghaliex fl-erbgha ta' Dicembru, 1999 hija kienet *off duty* u ghalhekk ma setghetx kienet hi li ghamlet dawk t-timbri. Rigward t-timbru tat-tnejn ta' Settembru, 1999, hija wkoll qalet li ma sarx minnha ghaliex dak iz-zmien hija ma kienetx qed tuza t-timbru u xogholha kien biss osservatur mal-impjiegati pajzana li jittimbraw il-passaporti.

WPC 184 Marcelle Micallef spjiegat li hija kienet thalli t-timbru taghha fil-locker tal-MIA u fl-erbatax ta' Frar, 2000 kienet giet nfurmata li l-locker taghha kien nstab miftuh, ghalkemm t-timbri taghha ma ttiehdux u kienu ghadhom hemmhekk. Dakinhar ma sabet xejn nieqes mill-locker. Hija spejgat li mill-erbatax ta' Frar, 1998 'l quddiem, hija ma baqghetx taghmel uzu minn dawn it-timbri stante li llum il-passaporti qed jigu ttimbrati mhux minn Ufficjal tal-Pulizija.

Hija qalet li hadd ma kien kellimha fuq xi locker miftuh u hija qatt ma ghamlet rapport li t-timbru taghha gie misruq ghaliex fil-fatt qatt ma kien gie misruq.

**L-Ispettur John Ellul xehed** f'dawn il-proceduri u stqarr li huwa kien ezamina t-timbri fuq il-passaport ta' Bahaal Gergius Awad Gergius u cioe fuq dawk murija a fol 12 u 21 tal-passaport mmarkat numru 46 sabiex jara jekk kienux timbri foloz jew awtentici u cioe jekk sarux mit-timbru esibit l-Qorti proprjeta ta' WPC 184 Marcelle Micallef u huwa kkonferma li mill-ezami komparattiv li ghamel rrizulta li t-timbri kienu awtentici maghmula bl-istess timbru ta' WPC 184 Marcelle Micallef.

L-**Ispettur Joseph Agius** fis-seduta tad-disgha w ghoxrin ta' Mejju, 2000 **spjiega** kif allegatament kienu qed jircievu rapporti fil-Control Room li certu Frankie maghruf bhala z-*Zebbugi*, xufier tat-taxi, kien qed jhawwad ma xi Ufficjal tal-Immigrazzjoni u nies pajzana dwar timbri f'passaporti Libjani u Egizzjani. Sussegwentement fid-dsatax ta' Mejju, 1999 kien wasal Malta l-Egizzjan fuq riferit u stqarr li huwa kien hallas tmenin lira maltin lil Frankie z-*Zebbugi*. Huwa fil-fatt irrilaxxja xi stqarrija u sussegwentement gie mkecci minn Malta ghaliex kien ammetta li bejn

Dicembru 1997 u Awissu 1999 kien Malta bla permess tal-Ufficjal tal-Immigrazzjoni. Dan l-Egizzjan kellu zewg passaporti w intbaghat lura bil-passaport li kellu. L-Ufficjal tal-Pulizija pero ghamel fotokopja ta' dan il-passaport li tinsab esibita a fol 43 et seq tal-process.

Qabel ma gie deportat Bahaal Gergius Awad Gergius xehed il-Qorti viva voce quddiem l-imputat. Huwa qal illi l-passaport esebit f'dawn l-atti a fol 21 tal-process et seq immarkat bhala dokument CSH huwa proprjeta` tieghu. Fuq dan il-passaport kien hemm tlett timbri. Huwa spjega l-ewwel timbru a fol 21 tal-passaport billi qal illi t-timbru mmarkat 46 fuq il-parti tal-lemin tal-pagna igib id-data tat-tnejn (2) ta' Settembru, 1999, filwaqt li dak ukoll immarkat bin-numru 46 a fol 12 tal-process igib id-data tal-erbgha (4) ta' Dicembru, 1997. Dan gew allegatament mahruga mill-Immigration.

Huwa kkonferma li jaf lill-imputat billi qal li jafu bhala Frankie iz-*Zebbugi* u li ghandu taxi, u li kien hu li ghamillu z-zewg timbri. Fid-disgha w ghoxrin ta' Novembru, 1997 dan l-Egizzjan kien Malta u kien inghata gimgha hawn Malta mill-Ufficjal tal-Immigrazzjoni (vide numru 77 a fol 12 tal-process). L-imputat allegatament fit-tletin ta' Awissu 1999 kien qallu li jekk jinqabad Malta minghajr permess

setgha jehel ghomru l-habs, u ghalhekk l-Egizzjan tah l-passaport tieghu sabiex jottjeni estensjoni tat-terminu. L-imputat zamm il-passaport gurnata u nofs u wara tahulu lura u hadlu tmenin lira maltin.

Skond dan ix-xhud, l-imputat qallu li kien jahdem fil-Pulizija u taht il-mobile number 09 49 04 96. Illi fit-tnejn ta' Settembru, 1999 ghalkemm l-imputat ghamillu permess ta' tlett xhur, peress illi kienu waslu c-celebrazzjonijiet tal-millennju, u huwa xtaq jiccelebra l-millennju hawn Malta, huwa mar id-Depot fl-Ufficcju tal-Immigranti sabiex jakkwista estensjoni u l-Ufficjal tah sat-tlettax ta' Jannar, 2000. Wara xi zmien telaq lura lejn l-Egittu u fit-tmintax ta' Mejju, 1999 rega gie Malta biex jaghmel xi holidays pero' zammewh l-ajruport.

Bahaal Gergius Awad Gergius stqarr li fl-Egittu kellu business u cioe` li jbiegh it-tjur u l-fniek u li biegh dan in-negozju biex jigi Malta, ghall-prezz ta' hmistax il-elf dollaru Amerikan. Huwa kkonferma li mal-imputat rikeb biss darbtejn ghalkemm dam zmien konsidervoli hawn Malta u kellu hmistax il-elf dollaru Amerikan.

**L-imputat xehed** f'dawn il-proceduri u kkonferma l-istqarrija li hu kien irilaxxja lill-Pulizija Esekuttiva a tempo vergine tal-

investigazzjoni liema stqarrija tinsab esebita a fol 57 tal-process mmarkata dokument JA 2.

Minn esami ta' din l-istqarrija jirrizulta li l-imputat cahad dak kollu li allega l-Egizzjan fil-konfront tieghu, anzi qal li ma kienx jafu u li ma kien jaf xejn dwar dak li kien qed jigi allegat lilu u cioe li baghbas f'xi timbri u fil-fatt kien anke lest li jikkonfronta lil dan l-Egizzjan u jikkontesta dak li kien qed jghid fuqu.

Ghalhekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti; dik proposta mill-Prosekuzzjoni u cioe` li l-imputat ghamel timbri foloz fuq il-passaport tal-Egizzjan u dik proposta mill-imputat stess li huwa ma kienx jaf lill-imputat u li ma kienx minnu dak li kien qed jinghad fuqu.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fattiizi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggata ghall-Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet il-process tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'posizzjoni, wara li semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom stante li kienet hi stess li kkonstatathom u x'interess seta kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu ukoll li jekk il-Qorti hija rinfaccata b'zewg verzjonijiet konfliggenti ghandha tillibera stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru ukoll kif gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' April, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Graham Ducker** li;

> "*it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt; whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*".

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** - Vol III Kap IV- pg. 234- Ediz 1890 -

"*il cosi detto onero della prova cioe il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui asserit.*"

Illi l-Prosekuzzjoni irreferit ghall-artikolu 638(2) tal-Kap 9 u cioe` li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lil Qorti li tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imuptat u l-allegat reat. Dan ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero huwa veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hmistax ta' Gunju, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizja v Joseph Lee Borg** fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci cioe mhux ambigwi. Ghandhom jkunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u hadd aktar, <u>anzi l-akkuzat biss,</u> li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa jkunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta ta' Mejju, 1961*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmel Busuttil**;

> "*il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Illi x-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni kien proprju dan l-Egizzjan bl-isem Bahaal Gergius Awad Gergius li qal li ta tmenin lira maltin lil imputat sabiex ottjena it-timbru muri fuq il-passaport tieghu.

L-Avukat Difensur jsostni li dan ix-xhud huwa komplici f'dak li ghamel u ghalhekk ix-xhieda tieghu m'ghandhix jkollha valur fil-konfront tal-imputat peress li mhix ammissibbli fil-ligi.

Il-Qorti taqbel mal-princiopju li xhieda ta komplici ma hiex legali w ammissibbli bhala prova u ghalhekk in linea preliminari hija sejra tezamina ix-xhieda tieghu sabiex tara jekk hux komplici ai termini tal-artikolu 42(a) tal-Kap 9 u cioe li jkun ta ordni lil imputat biex jaghmel d-delitt.

Il-Qorti ghalhekk in segwitu tal-artikolu 639(3) tal-Kap 9 trid tara jekk fl-ewwel lok dan ix-xhud kienx wahdani kontra l-akkuzat u jekk ix-xhieda hiex bizzejjed korroborata b'cirkostanzi ohra ghaliex fin-nuqqas ix-xhieda tieghu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati.

Issa apparti jekk ix-xhud huwiex kredibbli jew le, il-Qorti rat li hemm cirkostanzi li jikkorroboraw ix-xhieda tieghu, liema cirkostanzi huma fattwali u ghalhekk ix-xhieda tieghu in realta hi korroborata per ezempju li kien jaf il-mobile phone number tal-imputat li jindika li kien jafu almenu di vista, li fuq il-passaport tieghu kien hemm timbri

ta' Ufficjal tal-Pulizija WPC 184 Marcelle Micallef bla spjiegazzjoni u li kien jaf ftit affarijiet dwar l-imputat li jindikaw xi konoxxenza.

Il-fatt li l-Avukat Difensur tieghu jghid li l-imputat uza kliem bhal "*bzajt*" u "*irrangali*" fix-xhieda tieghu, hija ndikattiva li dan ix-xhud kien komplici.

Il-Qorti thoss li ghandha tezamina bir-reqqa ix-xhieda ta' dan ix-xhud sabiex tara jekk hiex imsahha minn xhieda ohra u dan ghaliex principalment d-Difiza ssostni li x-xhieda tieghu hija kontradetta minn provi ohra u ghalhekk ghandha tiskartha peress li ma tissodisfax il-vot tal-ligi.

Bahaal Gergius Awad Gergius allegatament jghidilna li fit-tletin ta' Awissu, 1999 l-imputat kien qallu li kien ser jehel ghomru l-habs jekk imur ghand il-Pulizija bil-visa skaduta. Huwa spjiega li kien wasal Malta fid-disgha w ghoxrin ta' Novembru, 1997 u kellu permess li joqghod Malta ghal gimgha pero baqa hawnhekk u ghalhekk waqa ghat-tentazzjoni tal-imputat. Huwa qal li l-imputat ha l-passaport tieghu fit-tletin ta' Awissu, 1999, zammu gurnata u nofs u wara tahulu b'timbru numru 46 cioe ta' WPC 184 Marcelle Micallef fejn kien hemm estensjoni ghal perjodu ta' tlett xhur.

Issa jekk wiehed jezamina x-xhieda ta WPC 184 Marcelle Micallef a fol 32 tal-atti processwali jirrizulta li fil-perjodu ta' bejn t-tletin ta' Awissu, 1999 u t-tnejn ta' Settembru, 1999, t-timbru taghha ma kienx misruq; kien biss fl-erbatax ta' Frar, 2000 li xi hadd kellimha fuq xi locker miftuh u ghalhekk qatt ma ghamlet rapport li nsterqilha t-timbru ghaliex ma kienx minnu. Inoltre, ddikjarat li hija ma tat t-timbru taghha lil hadd u li kienet ilha ma tuzah mill-erbatax ta' Frar, 1998 minn meta bdew jahdmu nies pajzana.

Illi ghalhekk m'ghandux mis-sewwa dak li stqarr l-imputat ghaliex ix-xhieda tieghu f'dan r-rigward mhux leali, mhux imsahha minn xhieda ohra; izda hija kontradetta.

Bahaal Gergius Awad Gergius a fol 27 tal-process jghidilna li huwa kellu biss passaport wiehed hawn Malta u ex admissis jghid "*li jekk ikun hemm rappresentant tal-passaporti li jghid li kelli zewg passaporti ma jkunx qed jghid is-sewwa. Jien passaport wiehed kelli, dan li hemm esibit l-Qorti a fol 19.*" Illi pero minn ezami tal-atti jirrizulta li l-imputat kellu zewg passaporti; dak esibit a fol 19 u iehor li gie fotokopjat mill-Ispettur Joseph Agiusu li kopja tieghu tinsab esibit fl-atti a fol 43 et seq.

Illi ghalhekk, tista il-Qorti tghid li Bahaal Gergius Awad Gergius qed jghid s-sewwa meta l-fatti juru mod iehor u cioe li huwa giddieb u qed jipprova jinsulenta lil Qorti ?

Bahaal Gergius Awad Gergius qal wkoll li huwa kellu business tat-tjur u fniek il-Kajr u gie Malta biex jistrieh ghaliex telqitu l-gharusa u kellu hmistax il-elf dollaru Amerikan fuqu. Pero meta il-Qorti ezaminat l-passaport tieghu rrizulta li fil-passaport a fol 19 tal-atti, hemm miktub li huwa sid ta' fabbrika filwaqt li fil-fotokopja tal-passaport u precizament a fol 43 tal-atti, jirrizulta li huwa haddiem. Il-Qorti hawnhekk tistaqsi - liema hija l-verita`, dik li huwa direttur ta' fabbrika, li hu haddiem jew li hu sid ta' hanut? Illi dan kollu jindika li dan ix-xhud mhux veritier u dak li jghid m'ghandhux mis-sewwa. Din ix-xhieda tieghu hija xhieda dubjuza u konfuza u ma tantx taghti affidabilita lil Qorti.

Bahaal Gergius Awad Gergius qal wkoll li meta reggha gie Malta fit-tmintax ta' Mejju, 2000 huwa gie mizmum l-ajruport u dak il-hin qalilhom dak kollu li kien gralu rigward l-allegat timbru li kellu fil-passaport. Illi pero mix-xhieda tal-Ispettur Joseph Agius jirrizulta li mhux minnu li x-xhud spjiega dak kollu li kien gralu izda gie

nvestigat minn ufficjal dwar allegat tbaghbis fuq il-passaport. Mhux minnu li a sua sponte huwa voluntarjament ghamel stqarrija u spjiega l-fatti. Izda dan sehh biss fuq investigazzjoni ntensiva li zamm l-Ispettur fuq il-passaport tieghu.

Bahaal Gergius Awad Gergius qal wkoll li huwa kien qieghed hawn Malta bejn Dicembru 1997 u Awissu 1999 regolarment peress li kien geddidlu z-zmien l-imputat pero meta deher quddiem il-Magistrat l-Qorti nhar s-sitta w ghoxrin ta' Mejju, 2000 huwa ammetta li kien Malta bla permess u ghalhekk ghal din il-Qorti din ix-xhieda ghandha mis-sewwa.

Mill-fotokopja tal-passaport ta' Bahaal Gergius Awad Gergius esibita a fol 43 et seq tal-atti jirrizulta li dan hareg mill-Egittu fit-tmienja ta' Frar, 2000 pero a fol 56 tal-atti jirrizulta li kellu viza ghal Cipru datata hamsa ta' Awissu, 2000, meta gie ppresentat il-Qorti mill-Ispettur Joseph Agius nhar d-disgha w ghoxrin ta' Mejju, 2000 u ghalhekk zgur li t-timbru kellu data falza. Ma hemmx dubbju ghalhekk li dan t-timbru huwa manifestament falz. Illi ghalhekk jirrizulta li x-xhieda tieghu hija kontradetta mill-provi u ma hemmx dubbju li joskurawh.

A fol 27 tal-atti Bahaal Gergius Awad Gergius qal wkoll li huwa rikeb fit-taxi tal-imputat darbtejn u kien ghalhekk f'dawn d-darbtejn biss li iltaqa mieghu pero fl-istess nifs jghid li saru hbieb u li kien lest li jghinu f'dak kollu li kellu bzonn. Ghal darb'ohra il-Qorti tistaqsi - ghandu mis-sewwa li bniedem li ltaqa mieghu biss darbtejn isir habib intimu tant li jkun lest li jghinu f'kull m'ghandu bzonn?

Bahaal Gergius Awad Gergius qal wkoll li l-imputat qallu lil kien jahdem fil-korp u ghalhekk setgha jghinu pero meta tkellem dwaru jghid li beza u meta xehed l-Qorti dan Bahaal Gergius Awad Gergius ma deherx konfidenti jew ahjar konvint minn dak li kien qed jghid u cioe li dak li allegatament ghamel l-imputat kien illegali. Tant u hekk li fil-kontr-ezami qal li l-imputat kien talbu sabiex igiblu passiggieri ohra sabiex jirrangalhom huwa pero fil-fatt jghid li l-Egittu l-affarijiet ma jsirux hekk ghalkemm lilu differenza ma tghamillux. Il-Qorti temmen li differenza ma tghamillux lilu ghaliex fil-fatt anke timbri foloz fit-tieni passaport kellu.

Illi ghalhekk il-Qorti ma thossx li dan ix-xhud huwa kredibbli u ghandu mis-sewwa f'dak li qal u ghalhekk sejra tiskarta x-xhieda tieghu in toto.

Illi jekk tnehhi din ix-xhieda jibqalha biss xhieda li mhux ammissibbli tal-Ispettur Neville Aquilina stante li tammonta ghal *hear say evidence*, li mhux ammissibbli bhala prova u mhux kif del resto insinwa l-Ufficjal Prosekutur li hija *evidence of a secondary nature*. Jibqa wkoll ix-xhieda tal-Ispettur Joseph Agius li mhux korroborata u passaport b'timbri foloz. Pero in-nexus kriminali bejn it-timbri allegatament foloz u l-imputat huwa nieqes.

Illi minn naha l-ohra l-istqarrija tal-imputat li nghatat a tempo vergine hija aktar kredibbli fic-cirkostanzi stante li hija attendibbli fiha cahda assoluta tal-allegat kommessjoni tar-reat addebitat lilu w inoltre cahda assoluta li fil-fatt jaf lil Bahaal Gergius Awad Gergius.

**Illi ghalhekk peress li fic-cirkostanzi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhix tipprova l-akkuzi ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, tiddikjara li mhux qed ssib lil imputat FRANK DELMAR hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tilliberah minnhom.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**